**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Omar Attard**

**Kumpilazzjoni 616/2018**
**Illum 12 ta' Novembru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omar Attard** detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0093893 (M) billi huwa akkuzat talli nhar l-14 t' April 2018 gewwa l-Ajruport Internazzjonali minghajr il-licenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija imprta arma regolari msemmija bi ksur tal-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Kodici ta' Malta. (Skeda 1 Taqsima 2)

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 49 (2) ta' l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

**Decide:**

Wara li l-Qorti rat l-Artikolu 3(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll wara li fuq ammissjoni ikkundizzjonata tieghu, l-Qorti ssib lil Omar Attard hati tal-imputazzjonijiet tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artrikolu 28 A tal-Kodici Kriminali tordna li din is-sentenzam'ghandiex tibda ssehh ghajr hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti fehmet lil hati bi kliem car u li jinftiehem ir-responsabilitá taghha u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-kaz li huwa jikkommetti tali reat iehor matul il-perjodu operattiv ta'din is-sentenza sospiza u dan ai termini tal-Artikoli 28A (4) u 28B tal-Kodici Kriminali.

Inoltre , il-Qorti tordna l-konfiska tal-corpus delicti u apparti dan ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap 480 tipprojbixxi lill-hati milli jkollu licenzja li taqa' taht il-kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta'sentejn mill-lum.

Barra minn hekk il-Qorti tordna  id-distruzzjoni tal-corpus delict kif ukoll tordna li l-atti jintbghatu ghand l-Avukat Generali fiz-zmien li titlob il-Ligi.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**